# MUŻIKA MUŻIKA
## FESTIVAL KANZUNETTA MALTIJA 2022

Il-Kumitat Organizzattiv tal-Festival Kanzunetta Maltija, taħt l-awspiċi ta' Festivals Malta, għandu pjaċir iniedi t-tieni edizzjoni ta' **"MUŻIKA MUŻIKA – FESTIVAL KANZUNETTA MALTIJA"** bil-għan li jingħataw aktar opportunitajiet lill-kompożituri, l-awturi, il-kantanti u l-bands li jiktbu u jinterpretaw kanzunetti bil-Malti.

Il-Festival ser isir bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u s-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu 2022 ġewwa ċ-Ċentru tal-Fieri u l-Konferenzi (MFCC), Ta' Qali.

Il-Festival huwa organizzat minn Festivals Malta taħt il-patroċinju tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

## Termini u Kundizzjonijiet

### 1. Kriterji ta' eliġibilità

1.1. Il-Festival huwa miftuħ għal kompożituri, awturi, kantanti, u gruppi/bands li l-membri tagħhom ikunu ta' nazzjonalità jew ċittadinanza Maltija jew ċittadinanza doppja fejn almenu waħda tkun Maltija. Però, fil-każ ta' grupp/band, huwa biżżejjed li **l-kantant prinċipali** jkun ta' nazzjonalità jew ċittadinanza Maltija jew ikollu ċittadinanza doppja fejn waħda minnhom tkun Maltija, waqt li l-bqija/uħud tal-membri jkunu residenti ta' Malta b'karta tal-identità Maltija li hija valida li tkopri l-perjodu ta' mill-inqas sad-data tal-finali.

1.2. Il-parteċipanti jridu jkunu għalqu s-sittax (16)-il sena sad-data tal-Festival. Għaldaqstant, għandha tiġi sottomessa kopja tal-karta tal-identità ta' dawk kollha li ser jipparteċipaw ma' kull applikazzjoni.

1.3. Is-sottomissjonijiet li ma jkunux kompluti jiġu kkunsidrati nulli u ma jiġux aċċettati.

### 2. Proċess għal waqt l-istadju tal-applikazzjoni Mużika Mużika - Festival Kanzunetta Maltija 2022

2.1. Il-parteċipanti għandhom jippreżentaw kanzunetta/i oriġinali. Il-kanzunetti sottomessi ma jridux ikunu nstemgħu fil-pubbliku jew fuq il-midja soċjali. Il-kanzunetti għandhom ikunu twal bejn tliet (3) minuti u tliet minuti u nofs (3.5).

2.2. B'referenza għall-punt numru 2.1, ma hemmx limitu ta' kemm il-kompożituri u l-awturi jistgħu jissottomettu kanzunetti. Fil-każ tal-kantanti, dawn ukoll jistgħu jissottomettu aktar minn kanzunetta

waħda, iżda mal-għoxrin magħżula l-kantanti jistgħu jkantaw kanzunetta waħda biss. Dan japplika wkoll għall-gruppi/bands, kif ukoll għall-membri tagħhom. F'każ li l-istess kantant(a)/grupp jintgħażlulhom aktar minn kanzunetta waħda, il-kantant(a), il-grupp(i) jew il-band(s) irid(u) jagħżel/lu dik il-kanzunetta li jixtieq(u) jipparteċipa(w) biha, filwaqt li l-kanzunetta l-oħra tingħata lil kantant(a)/grupp ieħor kif jiddeċiedi/u l-kompozitur(i).

2.3. Għal kull kanzunetta li tiġi sottomessa hemm ħlas ta' mitt ewro (€100) kif ukoll applikazzjoni u dikjarazzjoni li għandha tiġi ffirmata mill-applikant.

2.4. Il-kanzunetti jistgħu jiġu sottomessi sal-ħmistax (15) ta' Ottubru 2021 online, jew bl-idejn bejn it-tlettax (13) u l-ħmistax (15) ta' Ottubru 2021 bejn l-10:00 a.m. u l-4:00 p.m. fl-uffiċċju ta' Festivals Malta:

> **Festivals Malta,**
> 13, Europa Centre,
> Triq John Lopez , Il-Furjana.
> jew inkella online fuq is-sit: **www.muzikamuzika.mt**

2.5. Il-ħlas għandu jsir permezz ta' **ċekk** pagabbli lil 'Festivals Malta' għal min ser jissottomenti l-applikazzjoni bl-idejn. Għal min ser jissottometti l-applikazzjoni online, il-ħlas irid isir permezz ta' **bank transfer** fil-kont ta' Festivals Malta, li huwa MT09VALL22013000000050003080132 (IBAN). Huwa importanti li fid-dettallji tat-transazzjoni, jitniżżel l-isem tal-kanzunetta u tal-kompożitur bħala referenza tal-ħlas.

2.6. Il-parteċipanti huma obbligati li fl-applikazzjonijiet jinkludu:

- **CD** jew **pen-drive** (Għall-applikazzjonijiet online, uploads **mp3** huma aċċettati) bir-recording tal-kanzunetta kif indikat hawn:

  **Track 1 - full recording** tal-kanzunetta, inklużi **l-backing track, main singer(s) u backing vocals;**
  **Track 2 - half playback** tal-kanzunetta, inklużi **l-backing track u l-backing vocals**, mingħajr **main singer(s);**
  **Track 3 - instrumental - backing track** mingħajr **main singer(s)** u mingħajr **backing vocals;**

- Għaxar (10) kopji tal-lirika;

- Id-dikjarazzjonijiet iffirmati;

- Kopja tal-karta tal-identità minn quddiem u minn wara;

- L-isem tal-kanzunetta għandu jinkiteb b'**ITTRI KAPITALI** fuq **CDs**, **pen-drives** jew **mp3** files kif ukoll fit-titlu tal-lirika.

**N.B.** Il-kanzunetta tiġi skwalifikata awtomatikament jekk ikun hemm dettalji li jiżvelaw l-isem/ismijiet tal-parteċipanti.

2.7. L-għażla tal-kanzunetti ssir taħt sorveljanza legali. Id-deċiżjonijiet tal-ġurija f'kull fażi tal-konkors ikunu finali u inappellabbli.

2.8. Filwaqt li l-organizzaturi jkunu disposti li jikkunsidraw is-suġġerimenti kollha li jsirulhom, iżommu d-dritt ta' diskrezzjoni fl-organizzazzjoni.

2.9. Hekk kif jintgħażlu l-kanzunetti tal-fażi finali, il-materjal ta' dawk kollha li ma jkunux ikkwalifikaw jiġi distrutt fi żmien sitt (6) xhur wara l-aħħar serata tal-avveniment.

## 3. Il-Konkors

3.1 Ser jintgħażlu għoxrin (20) kanzunetta għall-fażi finali fuq medda ta' żewġ fażijiet li jiggarantixxu l-ekwità u t-trasparenza:

> **Fażi A** - ser jintgħażlu ħamsa u tletin (35) kanzunetta minn ġurija esperta mir-**recordings** sottomessi.
>
> **Fażi B** - dawk il-ħamsa u tletin (35) kanzunetta ser jiġu interpretati live fuq **backing track** quddiem ġurija (fejn jistgħu jiġu ffilmjati), u minn dawn jiġu magħżula l-għoxrin (20) kanzunetta tal-Festival.
>
> Ma' dawn l-għoxrin (20) kanzunetta ser tiżdied kanzunetta oħra li tintgħażel permezz ta' programm televiżiv għal kantanti ġodda fejn ir-rebbieħ ser jidħol awtomatikament għas-semifinali tal-Festival.

3.2 Il-Festival ser ikun imqassam fuq medda ta' tliet serati li ser jintwerew live fuq l-istazzjon nazjonali televiżiv 'TVM';

> 3.2.1. ***Fl-ewwel serata*** jiġu interpretati wieħed u għoxrin (21) kanzunetta li minnhom jintgħażlu tnax (12)-il kanzunetta għall-Finali tas-Sibt permezz ta' ġurija u televoting;
>
> 3.2.2. ***Fit-tieni serata*** l-kantanti kollha li jgħaddu għall-Festival ser jinterpretaw kanzunetti popolari Maltin, li wħud minnhom ħarġu minn Festivals tal-passat, fi dwett ma' kantanti stabbiliti Maltin.
>
> 3.2.3. ***Fit-tielet serata*** jiġu interpretati t-tnax (12)-il kanzunetta finalista, fejn, permezz ta' ġurija u televoting, joħorġu l-kanzunetti rebbieħa fl-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) post, kif ukoll jingħataw premjijiet għall-aħjar interpretazzjoni u l-aħjar arranġament mużikali.

3.3. Fir-rigward ta' punt **3.2.3**, fit-tliet (3) serati tal-Festival, il-kanzunetti magħżula ser jiġu interpretati mill-kantanti/gruppi akkumpanjati minn orkestra live ta' madwar erbgħin (40) mużiċist. Madankollu jistgħu jintużaw mezzi elettroniċi u diġitali (bħal **click track**) sabiex jassistu lill-parteċipanti waqt **live performances**. Il-lista ta' strumenti fl-orkestra tingħata wara li jintgħażlu l-kanzunetti. Huwa rrakomandat li l-parteċipanti jkunu avventurużi fl-istil tal-kanzunetti u ma joqogħdux lura milli jktbu **stil rock, pop, ballads, rap, hip-hop, dance, r&b, eċċ....** Dan għaliex l-għan tal-Festival huwa li l-kanzunetta Maltija tkun aktar appetibbli għal firxa ta' kull età u għal gosti differenti, kif ukoll tkun tista' tindaqq fuq il-mezzi tax-xandir u l-midja soċjali.

3.4. Ir-responsabbiltà tal-arranġament orkestrali, kif ukoll l-għażla tad-direttur tal-orkestra taqa' f'idejn il-kompożitur u l-awtur tal-kanzunetta li ġiet sottomessa għall-Festival. Huwa rrakomandat, u huwa fl-interess tal-kompożituri, li kemm għall-arranġament orkestrali kif ukoll għad-direzzjoni tal-orkestra jintgħażlu nies kompetenti.

3.5. Mal-orkestra ser ikun hemm erba' (4) backing vocalists li ser ikunu disponibbli għall-kanzunetti kollha. **Mhux permess l-użu ta' backing vocalists differenti minn dawk ipprovduti.**

3.6. **Ma humiex permessi** aktar minn sitt (6) persuni fuq il-palk u **ma humiex** permessi żeffiena, **mimes, props, akrobati, eċċ.** Fil-każ ta' grupp/band huwa biżżejjed li **l-kantant prinċipali** jkun ta' nazzjonalità

jew ċittadinanza Maltija jew ikollu ċittadinanza doppja fejn waħda minnhom tkun Maltija waqt li l-bqija/uħud tal-membri jkunu residenti ta' Malta b'karta tal-identità Maltija li hija valida li tkopri l-perjodu ta' mill-inqas sad-data tal-finali.

3.7. Il-kanzunetti magħżula għall-fażi finali ser joħorġu fuq **album ta' kumpilazzjoni** diġitali, u għalhekk huwa rrakkomandat li r-recording tal-kanzunetta jkun ta' livell għoli.

## 4. Il-Premjijiet

4.1. Il-premjijiet ser ikunu hekk:

- Ħames mitt ewro (€500) **lil kull kanzunetta li tintgħażel għall-fażi finali;**
- **It-tielet post** – Ħamest elef ewro (€5,000) u trofew;
- **It-tieni post** - Għaxart elef ewro (€10,000) u trofew;
- **l-ewwel post** - Għoxrin elf ewro (€20,000) u trofew.

4.2. Il-premjijiet monetarji jingħataw lill-kompożituri rebbieħa.

4.3 L-organizzaturi ma jidħlux fil-mertu ta' kif għandu jinqasam il-premju finanzjarju bejn il-kompożitur, l-awtur u l-kantant(a)/grupp.

4.4 Il-kanzunetta rebbieħa jinħadmilha vidjow mużikali bi produzzjoni eżekuttiva ta' Festivals Malta.

## 5. Termini Ġenerali

5.1. Is-sottomissjoni ta' kanzunetta/i għal Mużika Mużika - Festival Kanzunetta Maltija 2022 timplika l-aċċettazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet.

5.2. Il-parteċipanti huma mitluba jonoraw id-dati u l-ħinijiet tal-provi, **sound checks**, filmati pubbliċitarji u intervisti sabiex jikkontribwixxu għas-suċċess ta' dan il-konkors. Fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni rigward l-attendenza, il-ħinijiet tal-provi jew nuqqasijiet oħra mill-parteċipanti, dan jista' jirriżulta fi skwalifika awtomatika tal-kanzunetta tagħhom.

5.3. L-aċċettazzjoni mill-parteċipant tal-applikazzjoni tiegħu fil-konkors tkun tfisser li dan qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu biex jintuża ismu f'kull materjal pubbliċitarju. Kull data personali marbuta mar-rebbieħ jew kwalunkwe parteċipant ieħor ser tintuża biss skont il-leġiżlazzjoni attwali 'DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-DATA'. Abbażi ta' dan, id-data ma tkunx żvelata lil persuni terzi mingħajr il-kunsens minn qabel tal-parteċipant.

5.4. Il-kumitat organizzattiv ta' Mużika Mużika - Festival Kanzunetta Maltija 2022 jirriżerva wkoll id-dritt li jikkanċella, jibdel id-dati jew jipposponi l-kompetizzjoni, b'mod definit jew indefinit jekk jinqalgħu ċirkostanzi barra mill-kontroll tiegħu liema deċiżjoni hija esklussivament fid-diskrezzjoni tiegħu u ma tista' tiġi soġġetta għall-ebda qorti jew arbitraġġ. Inoltre l-kumitat organizzattiv u / jew Festivals Malta m'għandhomx jinżammu responsabbli għall-ebda telf jew danni li jistgħu jsofru l-partecipanti jekk kemm–il darba għar-raġunjiet imsemmija f'dan il-paragrafu, Mużika Mużika - Festival Kanzunetta Maltija 2022 jkollu jiġi ikkanċellat, jibdel id-dati jew jipposponi l-kompetizzjoni.

5.5. Il-kumitat organizzattiv ta' Mużika Mużika - Festival Kanzunetta Maltija 2022 ma huwiex responsabbli għal kwalunkwe disputa li tista' tqum fir-rigward tal-oriġinalità tal-kanzunetta.

5.6. Id-direzzjoni finali u artistika hija esklussivament f'idejn il-kumitat organizzattiv tal-Festival. L-istess kumitat għandu diskrezzjoni ta' kif il-kanzunetta għandha tiġi interpretata viżwalment fuq it-televiżjoni.

5.7. Fil-każ li kantant jiġi skwalifikat, id-deċiżjoni tal-kumitat hija finali, mhux sindakkabli mill-ebda qorti u mhux soġġetta għall-ebda mandat ta' inibizzjoni.

5.8. Il-kriterju tal-ordni ta' kif ser jindaqqu s-siltiet fil-Festival, kif jiġu assenjati d-dwetti tat-tieni serata u ma' liema kantanti, huwa għad-diskrezzjoni tal-kumitat organizzattiv u dan mhux appellabli.

5.9. Il-Kanzunetti li jikkwalifikaw għall-Festival ma jistgħux jindaqqu fil-pubbliku jew fuq il-mezzi tax-xandir jew il-midja soċjali qabel il-festival. F'każ li jinstab li l-kanzunetta tkun indaqqet qabel, il-mużika tagħha jew il-versi tagħha separatament, il-kanzunetta tiġi skwalifikata.

5.10. L-organizzazzjoni tesiġi li d-dritt tal-libertà tal-espressjoni tal-parteċipanti fil-limiti tal-liġi għandu jiġi rrispettat u ma hemm ebda restrizzjoni fuq it-temi magħżula mill-parteċipanti. Il-parteċipanti huma mfakkra illi l-liġi tipprojbixxi, fost affarijiet oħra, l-użu ta' kliem jew materjal ieħor li jhedded, jinsulta jew li jkun abbużiv lejn persuni oħra b'mod li x'aktarx jinstiga l-vjolenza jew il-mibegħda kontra tagħhom minħabba l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, jew l-opinjoni sew politika u sew ta' xort'oħra (Referenza 82A tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta).

5.11. L-organizzaturi jkollhom id-dritt li jimplimentaw test tal-Covid skont il-ħtieġa.

## 6. Tibdiliet

6.1. Il-kumitat organizzattiv ta' 'Mużika Mużika - Festival Kanzunetta Maltija 2022' jirriżerva d-dritt, fid-diskrezzjoni unika tiegħu, li jimmodifika jew jissostitwixxi dawn it-termini fi kwalunkwe ħin. Jekk ir-reviżjoni hija materjali il-kumitat organizzattiv jipprovdi avviż minn tal-inqas tletlin (30) jum qabel ma jidħlu fis-seħħ xi termini ġodda. Dak li jikkostitwixxi bidla materjali se jiġi ddeterminat fid-diskrezzjoni tal-Organizzazzjoni.

## 7. Ftehim ta' Kunfidenzjalità

7.1. Il-kumitat organizzattiv ta' Mużika Mużika - Festival Kanzunetta Maltija 2022 jista' jiżvela d-***data*** personali tal-parteċipanti ***in bona fede*** fejn hu meħtieġ:

- Biex jikkonforma ma' obbligu legali
- Biex jipproteġi u jiddefendi d-drittijiet jew il-proprjetà ta' MUŻIKA MUŻIKA - FESTIVAL KANZUNETTA MALTIJA
- Biex jipprevjeni jew jinvestiga nuqqas ħażin b'rabta mas-servizz
- Biex jipproteġi kontra r-responsabbiltà legali
- F'każ ta' contact tracing minħabba l-pandemija tal-Covid-19

7.2. Ħażna ta' Data: Il-kumitat organizzattiv ta' Mużika Mużika - Festival Kanzunetta Maltija 2022 iżomm id-Data Personali tiegħek biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti f'din il-Politika ta' Privatezza: ***Aħna nżommu u nużaw id-Data Personali tiegħek sal-punt meħtieġ biex nikkonformaw mal-obbligi legali tagħna (pereżempju, jekk aħna meħtieġa li nżommu d-data tiegħek biex nikkonformaw mal-liġijiet applikabbli), insolvu disputi u ninforzaw il-ftehimiet organizzattivi u r-regolamenti legali tagħna.***

## 8. Il-Liġi li Tiggverna

8.1. Dawn it-Termini għandhom jiġu rregolati u interpretati skont il-liġijiet ta' Malta. Kull disputa, talba jew azzjoni li tirriżulta minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet tkun soġġetta għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunali u tal-Qrati kompetenti ta' Malta.